

32001R0464

8.3.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 66/29

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 464/2001

tas-7 ta' Marzu 2001

**li jissupplimenta l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet fir-
"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" pprovdut
bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u
l-ismijiet ta' l-oriġini għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxil-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjoni ta' l-oriġini għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2796/2000 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) u (4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, Spanja bagħtet lill-Kummissjoni żewġ applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' ċerti ismijiet bħala denominazzjoni ta' l-oriġini.
- (2) Skond l-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament, l-applikazzjonijiet instabu li jilhq u l-ħtiġijiet kollha stabbiliti fih u b'mod partikolari li fihom it-tagħrif kollu meħtieġ skond l-Artikolu 4 tiegħu.
- (3) L-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni ma waslet għand il-Kummissjoni skond l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament rigward l-ismijiet mogħtija fl-Anness ma' dan ir-Regolament wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽³⁾.

(4) L-ismijiet għandhom għalhekk jiġi mdaħħla fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" u minn issa 'l quddiem jiġu protetti fil-Komunità kollha bħala denominazzjoni protetta ta' oriġini.

(5) L-Anness ma' dan ir-Regolament jissupplimenta l-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 138/2001 ⁽⁵⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-ismijiet fl-Anness I ma' hawn jiġu miżjuda fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 u mdaħħla bħala denominazzjoni protetta ta' oriġini (DPO) jew indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP) fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini" pprovdut bl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 Marzu 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 324, tal-21.12.2000, p. 26.

⁽³⁾ ĠU C 173, tat-22.6.2000, pp. 4 u 8.

⁽⁴⁾ ĠU L 327, tat-18.12.1996, p. 11.

⁽⁵⁾ ĠU L 23, tal-25.1.2001, p. 17.

L-ANNEX

IL-PRODOTTI ELENKATI FL-ANNEX I MAT-TRATTAT TAL-KE, MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM**Il-Frott u l-ħxejjex ta' l-ikel**

SPANJA

Azafrán de la Mancha (AOP)

Pimentón de Murcia (AOP)
